



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2011/2013(INI)**

23.3.2011

# **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji  
(2011/2013(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sirpa Pietikäinen

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġja azzjoni biex jiġi indirizzat l-għadd ta' ostakli differenti li jiffaċċejaw dawk li jixtiequ jidħlu fi transazzjonijiet transkonfinali fis-Suq Intern u jqis li, flimkien ma' miżuri oħra, il-proġett tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea jista' jkun utli biex jiġi realizzat il-potenzjal shiħi tas-suq intern, li jinvolvi beneficiċji sostanzjali kemm mil-lat ekonomiku u kemm mil-lat ta' impjieg;
2. Jinsisti li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tiprovd bażi ta' fatti għall-ivvalutar tal-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' strument tal-liġi kuntrattwali kif ukoll ta' jekk l-armonizzazzjoni tal-liġi kuntrattwali Ewropea ġġibx valur miżjud fil-prattika għan-negozji, partikolarment l-intrapriżi ż-żgħar u dawk medji (SMEs), u għall-konsumaturi;
3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fil-valutazzjoni li tagħmel tal-impatt tindirizza kif l-strument tal-liġi kuntrattwali jkun iġib beneficiċji lin-negozji meta jitqiesu l-ostakli l-oħra tas-suq intern li jiffaċċejaw l-SMEs li jista' jkollhom impatt aktar immedjat u sinifikanti, u tikkunsidra approċċi alternattivi għall-indirizzar tal-ostakli li dak li jkun isib ma' wiċċu;
4. Iqis, sa dak iż-żmien li titlesta għalkollox tali valutazzjoni tal-impatt, li, filwaqt li l-armonizzazzjoni fuq livell ta' UE tal-prattiki tal-liġi kuntrattwali tista' tkun mezz effiċjenti ta' kif jiġu żgurati l-konverġenza u sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd, madankollu, minħabba l-isfidi tal-armonizzar tas-sistemi ġuridiċi mhux biss tal-Istati Membri imma wkoll ta' reġjuni b'kompetenzi leġiżlattivi dwar din il-kwestjoni, strument fakultattiv jista' jkun aktar fattibbli sakemm jiġi żgurat li dan jimplika valur miżjud kemm għall-konsumaturi u kemm għan-negozji;
5. Iqis li tali strument għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju tal-Lex Generalis tal-ippreskrivar ta' dispożizzjonijiet ġenerali li jiġi injorat kieku tkun teżisti leġiżlazzjoni speċjali fil-livell nazzjonali jew Komunitarju u kemm-il darba tkun tiżgura livell ogħla ta' ħarsien ġuridiku;
6. Iqis li, suġġett għall-valutazzjoni tal-impatt, x'aktarx li bil-għan li jiżdied il-valur għall-SMEs l-strument ikun jeħtieġ li jkopri kemm ir-relazzjonijiet ta' bejn in-negozju u l-konsumatur u kemm ir-relazzjonijiet bejn negozju u negozju u li jista' jkun li jkun meħtieġ l-ambitu l-aktar wiesa' possibbli biex jitnaqqas ir-riskju tal-kompetizzjoni ingħusta fi ħdan is-suq intern, u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza espliċitament l-iskop għal tali kompetizzjoni ingħusta fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha;
7. Iqis li, ikunu x'ikunu l-merti tal-kopertura ta' xi partijiet limitati tas-servizzi finanzjarji fuq żmien twil, il-Kummissjoni għandha speċifikament teskludi s-servizzi finanzjari minn kwalunkwe strument tal-liġi kuntrattwali propost f'dan l-istadju;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp iddedikat ta' esperti fi ħdan l-istess servizz għal kwalunkwe fid-didżej futura ta' tħejjija fuq servizzi finanzjarji biex jiġi żgurat li kwalunkwe strument futur ikun iqis il-karatteristiċi speċifiċi possibbli tas-settur tas-

servizzi finanzjarji u kwalunkwe inizjattiva relatata mmexxija minn partijiet oħra tal-Kummissjoni, u tinvolvi lill-Parlament Ewropew fi stadju bikri;

9. Jinnota li, bil-għan li jkun aċċettabbli u jkun succcess, strument tal-liġi kuntrattwali se jkun jeħtieġ li jipprovd iċċi livell għoli ħafna ta' ħarsien tal-konsumatur, filwaqt li jibqa' koerenti mad-Direttiva dwar Drittijiet tal-Konsumatur u f'xi oqsma joffri ħarsien jerġa' akbar;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura allinjament mill-qrib tad-Direttiva dwar Drittijiet tal-Konsumatur li hija proposta u kwalunkwe strument potenzjali tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea billi tistenna sakemm jingħata l-eżitu tan-negozjati dwar id-Direttiva dwar Drittijiet tal-Konsumatur, u billi tipprovd iċarezza ġuridika dwar ir-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ miżuri, kif ukoll tiżgura li, fil-każ ta' konfliett, jieħdu preċedenza d-dispożizzjonijiet oħla li hemm fil-liġi tal-konsumatur obbligatorja nazzjonali;
11. F'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni wkoll biex tiżgura li l-strument tal-Liġi Kuntrattwali Ewropea jirrikjedi li l-kuntratti jkunu b'lingwaġġ ċar u ta' kuljum, ħalli l-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu t-termini, u biex tqis il-ħarsien lingwistiku taċ-ċittadini li jitkellmu b'xi waħda mil-lingwi uffiċċiali fl-Istati Membri;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex torbot mill-qrib il-ħidma li qed issir fuq il-proposta leġiżlattiva antiċċipata dwar sistema fl-UE kollha ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR) mal-ħidma ta' tħejjija li ssir fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea sabiex tiżgura li l-għodda futura possibbli tal-liġi kuntrattwali tipprovd għal aċċess xieraq għall-ADR.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.3.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Íñigo Méndez de Vigo, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Sophie Auconie, Lajos Bokros, David Casa, Robert Goebbels, Enrique Guerrero Salom, Carl Haglund, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Jiří Maštálka, Sylvana Rapti, Gianluca Susta